206

CS LEGAL

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
11 AUG 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

8 ta' Awwissu 2022

Lic-Chairman

Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

PO Box 172

Marsa

Sur Chairman,

**EC/00089/22**

Ninfurmak illi Raymond Buttigieg ta' 'Sweet Lord' Triq l-Indipendenza, Qala, Ghawdex qed jappella mill-Avviz mahrug lilu skont l-Artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvillup – Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq. (kopja tieghu annessa bhala Dokument A).

L-appellant Raymond Buttigieg ma gie notifikat b'dan l- fis-27 ta' Lulju 2022.

Permezz ta' dan l-appellant Buttigieg gie infurmat li jidher li ghall-Awtorita' tal-Ippjanar hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar f' li:-

1. *"Kostruzzjoni ta' 4 strutturi tal-gebel tal-franka u injam;*
2. *Tqeghid ta' pellets tal-injam li jdawru s-sit; u*
3. *Tpoggija ta' sufani u materjal iehor madwar l-istrutturi msemmija f' punt numru 1."*

Illi l-appellant Raymond Buttigieg qed jappella minn dan l-Avviz ai termini tal-Artiklu 97 (11) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-ewwelnett jigi sottomess illi l-kamra li hemm fis-sit indikat hija kamra li ilha hemm numru ta' snin u fil-fatt tidher fis-site plans li jmorru lura snin kif jidher mill-Avviz li nhareg stess fejn il-kamra hija ndikata.

2. It-tieni u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istruttura li hemm fis-sit hija suggett ta' applikazzjoni PA 7234/19 li fil-prezent tinsab fi stadju ta' appell li jfib in-numru PAB 153/22. Infatti dan l-appell ghadu ma bediex jinstema. Ghalhekk l-hrug ta' dan l-Avviz li minnu qed jsir l-appell ma kellux jsir qabel ikun hemm decizjoni fuq l-applikazzjoni indikata fl-appell 153/22.

3. Illi uhud mill-istrutturi indikati fl-Avviz ma ghandhomx bzonn permess biex isiru stante li huma ta' natura temporanja u li fil-fatt kienu hemm temporanjament u li diga tnehhew.

Dr. Chris Said LLD. MP - Avukat
Address: 19, Triq tal-Ħanaq, Nadur, Gozo
Tel: 21558860 | Mob: 79474856 | Email: chris@chrissaid.net

4. Minghajr pregudizzju ghal dan kollu u stante li hemm applikazzjoni pendenti, fi stadju ta' appell ma ghandha tiddekkorri l-ebda penali, u dan kuntrarjament ghal dak indikat fl-Avviz, sakemm ikun hemm ezitu finali tal-applikazzjoni tal-appellant.

Salv sottomissjonijiet ohra li jsiru waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Ma dan l-appell qed tigi annessa l-ircevuta li turi li l-appellant hallas l-ammont dovut biex jigi sottomess dan l-appell.

L-appellant jitlob li dan l-appell jinstema' fis-seduti li t-Tribunal jzomm f' Ghawdex.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Av Chris Said

Lista tax-Xhieda:-

- L-appellant ghall-konferma tal-fatti;
- Rapprezentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar;
- Rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Agrikultura;
- Rapprezentanti indikata mill-Awtorita' li gew konsultati fl-applikazzjoni numru PA7234/19